**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 22 ta' Novembru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 115/2020 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B C**

**vs**

**Dr Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Madeline Firman maħtura bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-Assenti D E F permezz ta' Digriet datat nhar il-11 ta' Settembru 2019**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 3804/2016)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi,[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

---
[1] Fol. 1

1. *Illi l-kontendenti izzewgu nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg, anness u mmarkat bhala Dok. SMP1;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg taghhom huma kellhom tifla wahda, ossia G E F li llum ghandha sentejn (2), kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid, anness u mmarkat bhala Dok. SMP2;*

3. *Illi matul iz-zwieg tal-kontendenti l-intimat irrenda ruhu hati ta' ingurji gravi, sevizzi u mohqrija, pero' b'mod partikolari , l-abbandun tal-obbligi naxxenti min-natura tal-hajja mizzewga u dana wara li huwa qabad u telaq lejn l-Amerka, inizjalment bl-intiza li l-esponenti tinghaqad mieghu hemmhekk, u sussegwentament, wara li hija nqabdet tqila u kellha tibqa' Malta ghal xi zmien minhabba kumplikazzjonijiet fit-tqala, huwa rritorna biss ghal xi jiem matul it-twelid ta' bintu u sussegwentament halla lil martu warajh trabbi lil bint il-partijiet wahedha;*

4. *Illi mhux hekk biss, imma filwaqt li kien mill-gdid gewwa l-Amerka l-konvenut infurmaha li biex kien irritorna ghal ftit jiem waqt li l-attrici kienet qieghda twelled lil binthom huwa kien tilef l-impjieg tieghu u li issa, huwa xtaqha tibghatlu s-somma ta' crica sebghin elf Ewro (EUR70,000) li permezz taghhom huwa kien ser jibda negozju tal-ikel u weighed li ser irodd din is-somma lura fi zmien sena. Minn dan l-ammont l-attrici ghadha ma giet rifuza l-ebda pagament, kif ser jigi pprovat ulterjorament fis-smiegh u t-trattazzjoni ta' dina l-kawza;*

5. *Illi minkejja li gie mitlub diversi drabi sabiex jirritorna Malta u jerfa' r-responsabbiltajiet tieghu fit-trobbija ta' bint il-partijiet u sabiex huma wkoll isibu soluzzjoni amikevoli ghaz-zwieg taghhom, il-konvenut ormai ilu gewwa l-Amerka ghal aktar minn tlett snin u li matul l-istess perjodu huwa naqas milli b'xi mod jikkontribwixxi ghal familja – la favur bint il-partijiet u wisq anqas favur l-attrici;*

6. *Illi minkejja l-isforzi kollha da parti l-esponenti sabiex issalva z-zwieg taghha, l-intimat abbanduna l-hajja mizzewga u matul l-ahhar snin ma kien involut bl-ebda mod fit-trobbija ta' bintu b'rizultat li l-hajja matrimonjali*

*ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli tant illi z-zwieg tkisser irremidjabilment tort unikament tar-rgel intimat kif ser jigi pprovat;*

7. *Illi l-konvenut irrenda l-hajja mizzewga aktar u aktar impossibbli wara li l-esponenti giet a konoxxenza li l-intimat ghandu tendenzi omosesswali tant li regolarment kien qieghed jaghmel sensiela ta' searches ta' materjal pornografiku u filmati ta' irgiel f'atti sesswali bejnithom fuq l-internet filwaqt li kien qieghed jirrisjedi l-Amerka, u dana minkejja li matul ir-relazzjoni u z-zwieg tieghu huwa kien jipprojjetta ruhu bhala omofobiku;*

8. *Illi appena l-attrici, rinfaccjata b'din l-informazzjoni, nformatu li kienet issa kienet taf ghalfejn huwa kien igib ruhu ta' omofobiku, u li issa taf ukoll ghalxiex kien abbanduna z-zwieg u t-trobbija ta' bintu, l-intimat nieda kampanja ta' theddis sottili, u mhux daqstant sottili, li dwarhom sahansitra kellu jsir rapport lil Pulizija Ezekuttiva, kif ser jirrizulta fis-smiegh u t-trattazzjoni;*

9. *Illi minkejja l-isforzi tar-rikorrenti, l-partijiet ma lahqux ftehim bonarju u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza sforz lintransigenza u n-nuqqas ta' nteress tal-konvenut;*

10. *Illi fil-frattemp l-esponenti, rinfaccjata b'diversi diffikultajiet partikolarment fil-mili ta' applikazzjonijiet mal-istituzzjonijiet edukattivi tal-minuri, talbet u ottjeniet permezz ta' digriet moghti nhar il-hmistax (15) ta' Novembru 2019 il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri G, kif jirrizulta mill-anness digriet immarkat bhala Dok. SMP3;*

11. *Illi galadarba l-intimat ghadu sa llum nieqes minn dawn il-gzejjer dina l-kawza kellha ssir fil-konfront ta' deputati kuraturi mahtura minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-assenti intimat;*

12. *Illi dina l-Onorabbli Qorti hatret lill-avukat Dr Simon Micallef Stafrace LL.D. bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-interessi tal-konvenut assenti permezz ta' digriet datat nhar il-11 ta' Settembru tas-sena 2019, anness u mmarkat bhala Dok. SMP4;*

13. *Illi r-rikorrenti kisbet id-debita awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi ghall-kawza ta' separazzjoni personali skond digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat nhar it-2 ta' Lulju tas-sena 2020 fl-atti ta' l-ittra numru 1041/19, hawn anness u mmarkat Dok. SMP4;*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarji u opportun ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-intimat konvenut;*

2. *Tillikwida u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, partikolarment billi tordna r-restituzzjoni tal-ammonti ta' flus miksuba mill-konvenut minghand l-attriċi b'qerq da parti tieghu minn liema ammonti l-esponenti sa issa ghadha ma rciviet xejn lura;*

3. *Tikkonferma l-kura u kustodja tal-minuri G Oukabamichael F b'mod esklussiv f'idejn l-esponenti omm, b'dana illi d-decizjonijiet kollha –dawk ordinarji u kif ukoll dawk straordinarji li jirrigwardaw is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri G, inkluz ukoll decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaporti ghall-istess minuri G minghar il-htiega tal-kunsens u/jew il-firma tal-konvenut D E F;*

4. *Konsegwentament tordna li l-minuri G ghandha tkompli tirrisjedi mal-omm u li r-residenza primarja taghha ghandha tkun dik tal-omm;*

5. *Tillikwida u tiffissa manteniment globali ghat-trobbija u l-bzonnijiet tal-minuri G sal-eta' ta' tmintax-il sens f'kaz li hija tieqaf mill-istudji taghha, liema manteniment ikompli sal-eta' ta' tlieta u ghpxrin sena f'kaz li hija tkompli bl-istudji taghha fuq bazi full time u konsegwentament tordna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata, b'dawk il-provvedimenti kollha rigwardanti l-hlas inkluz il-provvedimenti ghal-hlas permezz ta' trasferiment bankarju, iz-zieda skond l-indici tal-inflazzjoni, bdana illi l-ammont mghandux ikun inqas minn erbgha mitt Ewro kull xahar (EUR400) liema somma tkun tinkludi wkoll sehem ir-ragel mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni;*

*Bl-ispejjez konta l-intimat minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi l-kuraturi deputati għal konvenut assenti ġew debitament notifikati bl-atti tal-kawża,[2] u r-risposta ġuramentata tal-konvenut assenti kif rappreżentat mill-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Madeline Firman,[3] fejn ġie eċċepit:

*Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw d-drittli jippreżentaw risposta motivataf'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat in-nota tal-Kuraturi Deputati rappreżentanti tal-konvenut assenti,[4] fejn eżebew *email* mibgħuta lir-rappreżentanta legali tal-attriċi fejn ġiet mitluba tgħaddi d-dettalji kollha rigward l-assenti;

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2020,[5] l-atti tal-medjazzjoni ġew allegati mal-atti tal-azzjoni in diżamina;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tal-partijiet li jġib in-numru progressiv 3804 tas-sena 2016;[6]

Rat id-digriet tal-Qorti datat 2 ta' Lulju 2020,[7] fejn għalqet il-proċess tal-medjazzjoni minħabba nuqqas ta' interess da parti l-intimat, u b'hekk l-attriċi ġiet awtorizzata tibda l-proċeduri legali entro t-terminu impost fil-liġi;

[2] Fol. 26.
[3] Fol. 31.
[4] Fol. 29.
[5] Fol. 35.
[6] Fol. 13.
[7] Fol. 23.

Rat l-affidavit tal-attriċi u d-dokumenti annessi,[8] kif ukoll ix-xhieda *viva voce*;[9]

Rat id-digriet ta' eżekuttivita' tal-annullament taż-żwieġ tal-partijiet mogħti mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta nhar id-29 ta' Ottubru 2021;[10]

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Appell datat 8 ta' Awwissu 2022, fejn ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra d-deċiżjoni tat-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta tad-29 ta' Settembru 2021 u dan skont Artikolu 23 u 24 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;[11]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dottor Maria Dolores Gauci,[12] ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[13]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda titolob is-separazzjoni personali għar-raġunijiet imputabbli lil kovenut. Barra minn hekk, l-attriċi qiegħda titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali, fosthom: (i) il-kwistjoni dwar il-kura u kustodja tal-minuri, (ii) il-manteniment għall-minuri, u (iii) ix-xoljiment, likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Fil-mori tal-proċeduri, u ċjoe' nhar id-29 ta' Settembru 2021 iż-żwieġ kattoliku tal-partijiet ġie annullat mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta u konsegwentament nhar id-29 ta' Ottubru 2021 ingħata d-Digriet ta' Eżekuttivita' tal-imsemmija sentenza sabiex b'hekk din tkun tista' tiġi rikonoxxuta. Jirriżulta

---

[8] Fol. 40.
[9] Fol. 229.
[10] Fol. 307.
[11] Fol. 352.
[12] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2020, a fol. 35.
[13] Fol. 350.

illi r-reġistrazzjoni ta' din is-sentenza ġiet effettwata mill-Qorti tal-Appell nhar it-8 ta' Awwissu 2022 u dan ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant u fil-fehma tal-Qorti, uħud mit-talbiet tal-attriċi ma baqgħux rilevanti u b'hekk ma hemmx aktar lok li tiġi deċiża t-talba rigwardanti s-separazzjoni personali.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiddeċċiedi rigward il-kwistjonijiet rimanenti.

## 2. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment għall-Minuri:

Miż-żwieġ tal-partijiet twieldet tifla waħda, ossija G Oukubmichael F nhar l-20 ta' Awwissu 2018.[14] Dan ifisser illi fil-preżent, il-minuri għandha erba' (4) snin, u b'hekk għadha minorenni. Mill-atti jirriżuta illi *pendente lite*, il-kwistjoni tal-kura u kustodja tal-minuri ġiet regolata, fejn wara rikors ppreżentat mill-attriċi nhar l-1 ta' Awwissu 2019 fl-atti tal-ittra tal-medjazzjoni, il-Qorti permezz ta' digriet datat 15 ta' Novembru 2019 laqgħat it-talba tal-attriċi illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun vestita esklussivament f'idejha.[15] Għalhekk fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob illi l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri jibqgħu vestiti esklussivament f'idejha, bil-konsegwenza li l-konvenut ikollu l-obbligu li jħallas manteniment għaliha.

<u>*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Setgħa ta' Ġenitur, Aċċess u Manteniment tal-Minuri*</u>

Rigward il-<u>kura, kustodja u aċċess</u>, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer C pro.et noe. vs. John C**[16] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-*interess *tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew*

[14] *Vide* ċ-ċertifikat tat-twelid, a fol. 14.
[15] Fol. 19.
[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazzjoni Numru: 2668/1996/2RCP.

*meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[17] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**'[18] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[19] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**'[20] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[21] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Fir-rigward ta' <u>*setgħa tal-ġenitur*</u>, il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Kodiċi Ċivili jitratta l-kwistjoni tas-setgħa tal-ġenituri b'mod speċifiku taħt Titolu IV intitolat

[17] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[18] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).
[20] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[21] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*"Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri"*. Il-provvedimenti legali saljenti huma Artikolu 131 u Artikolu 154(1):

*131. (1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(4) Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-ġenituri u lit-tifel jekk dan ikun laħaq l-età ta' erbatax-il sena, għandha tagħmel dawk is-suġġerimenti li jidhrilha l-aħjar fl-interess tat-tifel u l-għaqda tal-familja. Jekk ikompli n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri, il-qorti għandha tawtorizza lill-ġenitur li fil-fehma tagħha jkun l-iktar xieraq li jħares l-interess tat-tifel fil-każ partikolari, li jiddeċiedi l-kwistjoni, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149.*

*(5) Fil-każ ta' periklu imminenti jew preġudizzju serju għat-tifel kull wieħed mill-ġenituri jista' jieħu dawk il-miżuri li huma urġenti u li ma jistgħux jistennew.*

*(6) Dwar terzi persuni in bona fide, kull waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha titqies li għemilha kien bil-kunsens tal-parti l-oħra meta teżerċita għemil dwar awtorità tal-ġenituri dwar il-persuna tat-tifel.*

*154. (1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu;*

*(b) jekk l-imġieb tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel;*

*(ċ) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190;*

*(d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel;*

*(e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

Jiġi rilevat li l-Artikolu 3B li jagħmel referenza għalih l-Artikolu 154 hawn fuq ċitat jgħid hekk: *"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".* Il-Qorti tfakkar illi dawn l-obbligi m'għandhomx jiġu applikati biss fir-rigward ta' ulied ta' ġenituri mizzewġin, izda ukoll versu dawk l-ulied li huma frott ta' ġenituri mhux magħqudin fiz-zwieġ. Fil-fatt il-liġi stess f'Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili tistipula illi *"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B",* u ċjoe' kull ġenitur, irrelevanti jekk hux mizzewġin *o meno.*

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiza 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez

relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi, il-Qorti tinnota illi l-kura u kustodja *pendente lite* tal-minuri fil-preżent hija fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi.

Il-Qorti tagħti ħarsa lejn dak li saħqet l-attriċi, hekk kif fl-affidavit tagħha tgħid illi *"Ever since the birth of our daughter, he never paid any alimony or child support in any way, shape or form. He never even asked if I needed any financial help towards the upbringing of our, his daughter. My daughter has no relationship with her father, does not knw him, does not recognize him and has barely ever met him. At one point he even said she was a mistake, which I have evidence of as well in the frm of a recorded telephone call, which I will exhibiting also at a later stage!".*[22] Il-Qorti rat illi dak allegat mill-attriċi ġie konfermat permezz ta' provi suffiċjenti stante li l-konvenut għażel li jmur l-Amerika u jibni ħajja oħra hemmhekk, u b'hekk huwa kristallizzat li l-attriċi dejjem kienet hi li ħadet ħsieb lill-minuri u kompliet tagħmel dan b'mod esklussiv waħedha.

F'każ simili għal dan odjern, senjatament fis-sentenza fl-ismijiet **Carol Montebello vs Dr Helga Buttigieg et noe**,[23] il-Qorti rribadiet illi dan it-tip ta' aġir *"huwa wieħed li jirrispekkja disinteress u nuqqas ta' volonta' li wieħed jinvolvi ruħu b'mod adegwat fit-trobbija ta' uliedu stess. Għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex lok sabiex tiddubita li l-minuri daħlu f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex prezenti. Il-Qorti bl-ebda mod ma tfaħħar, tiġġustifika jew taqbel ma' dan il-modus vivendi, anzi bil-wisq tikkundannah u tiddeplorah għaliex kull ġenitur għandu l-obbligu li jieħu ħsieb, jeduka, jmantni u jipproteġi lill-uliedu stess. Ma huwiex xi unur li wieħed jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu u jfarfar l-obbligi tiegħu ta' ġenitur fuq il-ġenitur ieħor filwaqt li kappriċċozament jagħmel tabirruħu li m'għandux ulied u jgħix ħajja oħra".* Dan il-prinċipju ġie addottat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Francesca Tenimu vs Dr Mark Mifsud Cutajar pro et noe**.[24] Il-Qorti tistenna li l-konvenut kellu u għandu jimpjena ruħu sabiex ikun f'kuntatt telefoniku u kif ukoll fiżiku, b'mod kontinwu u kostanti ma' bintu, u dan anke jekk jagħżel li jgħix f'pajjiż ieħor minn

[22] Fol. 45.
[23] Deċiza minn din il-Qorti kif preseduta, nhar l-24 ta' Ġunju 2021, mhux appellata, (Rikors Numru 246/2017 AL).
[24] Deċiża minn din il-Qorti kif preseduta, nhar t-2 ta' Diċembru 2021, mhux appellata (Rikors Numru 92/2020 AL).

dak li fih qiegħed jirrisjedi l-minuri. Għaldaqstant u sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma illi ġialadarba l-konvenut abbanduna lil bintu u ħalla lill-attriċi tfendi waħedha biex tmantni u tgħajjex lill-istess minuri, il-kura u kustodja għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri għandha tkompli tgħix mal-attriċi.

Għalhekk u ġialadarba l-minuri ser tkompli tgħix ma' ommha, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. L-attriċi fir-rikors promotur tagħha titlob lil Qorti sabiex tali manteniment jkun mhux inqas minn €400 fix-xahar, liema somma tkun tinkludi sehem il-konvenut għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

Meta *si tratta* manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs Jason Joseph Mifsud**,[25] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[26] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Michelina Bezzina vs Julian Bezzina***,[27] *fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit*[28]*".".*

Fil-każ odjern jirriżulta illi l-attriċi ma resqitx din il-provi surreferiti u għalhekk fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti tinsab marbuta dwar kemm għandu jkun il-manteniment vversat mill-intimat/ Għalhekk tordna lill-konvenut sabiex iħallas

[25] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[26] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[27] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellata (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[28] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.

lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €275 kull xahar għal minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal minuri sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha.

## 3. It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar is-26 ta' Novembru 2016, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

a. *<u>Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Mill-atti jirriżulta li l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet ġiet terminata bis-saħħa ta' sentenza preliminari mogħtija nhar it-12 ta' Ottubru 2021.

b. *<u>Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

Mill-atti ma jirriżultax li kien hemm ħafna assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, għajr għal żewġ kontijiet bankarji tal-partijiet. Fil-fatt jidher li l-attriċi għandha kont bankarju wieħed mal-Bank of Valletta plc, u ċjoe' dak bin-numru 40010365986 li huwa *savings account*,[29] filwaqt li l-konvenut għandu ukoll kont wieħed mal-istess bank, u ċjoe' dak bin-numru 40015943293 li huwa

[29] Fol. 284.

*savings account*.[30] Għalhekk il-Qorti tordna li kull parti tibqa' żżomm dak il-kont bankarju li jinsab intestate fuq isimha u l-bilanċ li hem fih.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tara ukoll illi waqt li l-konvenut kien jinsab ġewwa l-Amerika, bl-intiża li jibda negozju hemmhekk, l-attriċi kienet għamlet *transfer* ta' somom konsiderevoli lil konvenut. Dan jinsab ikkorraborat permezz ta' dokument immarkat bħala *transfer statement* fejn mill-kont bankarju tal-attriċi għal dak tal-konvenut nhar it-28 ta' Novembru 2018 ġiet trasferita s-somma ta' USD50,000 (ekwivalenti għal €48,050),[31] kif ukoll ta' *bank statements*.[32] It-total ta' flus li ġew trasferiti lil konvenut, kif ukoll lil oħt il-konvenut, hija dik ta' €60,322.95.[33] Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi tali somma għandha tiġi rifuża fl-intier tagħha lill-attriċi u dan anke jekk tali flus ġew iġġenerati waqt li l-komunjoni tal-akkwisti kienet għadha viġenti. Il-Qorti tara ukoll illi l-konvenut għandu ukoll jirrifondi lill-attriċi nofs il-flus li huwa ħallas f'kera ta' residenza ġewwa l-Amerika. L-attriċi ppreżentat kopja ta' kuntratt ta' kera għal perjodu bejn l-1 ta' Ġunju 2016 sal-1 ta' Ġunju 2019, fejn il-konvenut kellu għall-ewwel sena jħallas is-somma ta' USD21,000, għat-tieni sena s-somma ta' USD22,200, u għat-tielet sena s-somma ta' USD23,400. Għalhekk għal tali perjodu, il-konvenut jidher li ħallas is-somma ta' USD66,600, ċjoe' €64,562.36. Nofs tali somma tappartjeni lill-attriċi, u b'hekk il-konvenut għandu jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' €32,281.18. Għal perjodu sussegwenti ma ġiet ippreżentata l-ebda prova u għalhekk il-Qorti ma għandhiex mod kif tieħu konjizzjoni tal-istess u tasal għal ċifri minn rajha.

## 4. Ordnijiet Ulterjuri skont id-Diskrezzjoni tal-Qori ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

Fir-rigward tas-setgħa tal-Qorti, ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, din għandha d-diskrezzjoni illi li tagħti kwalsiasi ordni f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri u dan minkejja dispożizzonijiet oħra. Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar*

[30] Fol. 280
[31] Fol. 285.
[32] Fol. 91 – 96.
[33] *Vide* fol. 91 *et seq* fejn jirriżultaw *transfers* ta' €44,755.88, €2045.39, €4439.55, €1001, €2014.44, €2014.31, €4052.38.

*il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel".*

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiza minn din il-Qorti iżda diversament preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet **Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-assenti Paul Joseph Strout** deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, blghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo** irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested*

*at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet **RM vs NM** (Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Cedric E vs Nicolette Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara **A sive BC vs D sive EC** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll **Joseph B vs Lesya B** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

Stabbilit il-premess, il-Qorti tara li l-attriċi ma għamlet l-ebda talba sabiex il-konvenut jiġi żvestit mis-setgħa tal-ġenitur, iżda sempliċiment talbet li tkun awtorizzata li tieħu dawk id-deċiżjonijiet rigwardanti l-minuri waħedha. Madanakollu wara li l-Qorti rat l-atti tal-każ in diżamina, hija tal-fehma li l-minuri mhux biss daħlet f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex preżenti, iżda ukoll hemm lok li jiġu applikati subinċiż (a) u (e) tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-konvenut qabad u telaq minn Malta mingħajr ma kkunsidra l-interessi tal-minuri. F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Luke Anthony Cauchi vs L-Avukat Benjamin Valenzia et noe**,[34] fejn f'sitwazzjoni fejn il-konvenuta kienet assenti u abbandunat lil minuri, il-Qorti saħqet illi:

*"mil-liġi wieħed jista' faċilment jiddeduċi illi ċ-ċaħda tal-awtorita' tal-ġenitur għandha titqies bħala l-eċċezzjoni għar-regola, u b'hekk sabiex talba ta' din in-natura tiġi akkolta jenħtieġ raġunijiet ferm gravi u serji. Fid-dawl tal-provi*

[34] Deċiza minn din il-Qorti kif preseduta, nhar is-7 ta' Jannar 2021, mhux appellata.

*miġjuba fil-mori tal-kawza, il-Qorti hija tal-fehma li hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-konvenuta stante li dak kontemplat fis-subinċiż (a) u (e) tal-istess Artikolu ġew pruvati sal-grad rikjest mil-liġi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenuta jibqa' jkollha xi forma ta' awtorita' fuq l-istess minuri, liema awtorita' se mai tista' tintuza fil-futur sabiex tieħu xi forma ta' vantaġġ fuq l-attur u fuq il-minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kien biss l-istess attur li ħa ħsieb lill-minuri, mantnieha u edukaha fl-assenza tal-konvenuta".*

Fid-dawl tal-premess u bis-saħħa tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tinvoka u tapplika Artikolu 154 subinċiz (1)(b) u (e) u (2) tal-Kodiċi Ċivili kontra l-konvenut hekk kif il-Qorti tinsab tal-fehma li jeżistu raġunijiet ferm gravi u serji fejn il-konvenut għandu jiġi żvestit *in toto* mis-setgħa tal-ġenitur filwaqt li din is-setgħa għandha tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, u dan ġialadarba l-interess tal-minuri hekk jirrikjedi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenut jibqa' jkollu xi forma ta' awtorita' fuq l-istess minuri, liema awtorita' se mai tista' tintuża fil-futur sabiex jieħu xi forma ta' vantaġġ fuq l-attriċi u fuq il-minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kien biss l-istess attriċi li ħadet ħsieb lill-minuri, mantnietha u edukatha fl-assenza tal-konvenut. Dan konsegwentament ifisser illi l-attriċi qiegħda tingħata l-awtorita' neċessarja sabiex tieħu dawk id-deċizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, hekk kif jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi. Dan ifisser illi l-attriċi permezz ta' tali sentenza għandha l-jedd illi mingħajr ebda awtorita', kunsens jew firma tal-konvenut, hija għandha tieħu dawk id-deċiżjonijiet versu l-minuri u ssiefer magħha ukoll. L-istess għandu japplika fir-rigward tal-passaport tal-minuri, fejn l-attriċi qiegħda tiġi ukoll awtorizzata illi tapplika jew iġedded il-passaport tal-minuri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tal-konvenut, b'dana illi l-istess passaport għandu jinżamm dejjem u biss fil-pussess tal-attriċi.

Il-Qorti tara ukoll illi ma saret l-ebda talba sabiex iseħħ aċċess. Fir-rigward ta' aċċess, *"din il-Qorti tibda biex tagħmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut*

*l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli".*[35] Għalhekk u tenut tas-suespost, il-Qorti tara li għandha l-obbligu li tipprovdi l-konsiderazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward ukoll, f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri.

Fil-każ odjern, il-Qorti tara li mill-atti jirriżulta li l-minuri ilha ma tara jew tikkomunika sew ma' missierha għal żmien twil. Ill-atti tirriżulta indikazzjoni qawwija li l-konvenut jinsab l-Amerika, u għalhekk huwa ferm diffiċli għall-minuri sabiex tarah b'mod fiżiku, madanakollu kieku verament hemm il-volonta' da parti l-konvenut li jibni relazzjoni ma' bintu, ma hemm xejn li jimpedixxih milli jikkomunika magħha eletronikament u jaraha virtwalment b'mod frekwenti u kostanti. Il-Qorti tirribadixxi illi minuri għandha d-dritt li tgawdi kemm lil ommha u kif ukoll lil missierha, u m'għandhiex tiġi mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. B'hekk, f'kawżi ta' din ix-xorta, il-Qorti tagħmel minn kollox sabiex ma tisfrattax il-possibilita' li ġenitur u iben jew bint, ikollhom relazzjoni.

Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma illi fil-każ odjern u abbażi tal-fattispeċji partikolari li għandha quddiemha, l-aċċess għandu fi kwalunke każ jiġi pprojbit u f'każ li l-konvenut jirritorna lura Malta sabiex jirrisjedi hawnhekk b'mod permanenti u jkun irid jeżerċita d-dritt ta' aċċess huwa għandu *se mai* jagħmel talba appożita bl-intiża li *in primis* issir evalwazzjoni minn professjonisti fil-qasam jekk tali aċċess ikunx fl-interess tal-minuri li jibda jiġi eżerċitat.

## DEĊIDE:

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba attriċi u dan in vista li ż-żwieġ tal-partijiet ġie annullat;

[35] Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).

2. Tilqa' it-tieni talba attriċi, billi xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tat-tielet (3) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*;

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba, u torna li l-kura u kustodja għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri għandha tkompli tgħix mal-attriċi;

4. Tilqa' limitatament il-ħames talba, u tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' €275 kull xahar għal minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal minuri sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri tagħżel li tibqa' tistudja fuq bażi *full-time* wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance,* għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha wara li tagħlaq it-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilha;

5. Tordna u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

   i. Illi abbażi tal-Artikolu 154 subinċiz (1)(b) u (e) u (2) tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut għandu jiġi żvestit *in toto* mis-setgħa tal-ġenitur filwaqt li din is-setgħa għandha tkun vestita esklussivament, b'dana illi l-attriċi qiegħda tingħata l-awtorita' neċessarja sabiex tieħu dawk id-deċizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, hekk kif jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Dan ifisser illi l-attriċi permezz ta' tali sentenza għandha l-jedd illi mingħajr ebda awtorita', kunsens jew firma tal-konvenut, hija għandha tieħu dawk id-deċiżjonijiet versu l-minuri u ssiefer magħha ukoll. L-istess għandu japplika fir-rigward tal-passaport tal-minuri, fejn l-attriċi qiegħda tiġi ukoll awtorizzata illi tapplika jew iġedded il-passaport tal-minuri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tal-konvenut, b'dana illi l-istess passaport għandu jinzamm dejjem u biss fil-pussess tal-attriċi;

ii. L-aċċess tal-konvenut għal bintu għandu fi kwalunke każ jiġi pprojbit, iżda f'każ li l-konvenut jirritorna lura Malta sabiex jirrisjedi hawnhekk b'mod permanenti u jkun irid jeżerċita d-dritt ta' aċċess huwa għandu *se mai* jagħmel talba appożita bl-intiża li *in primis* issir evalwazzjoni minn professjonisti fil-qasam jekk tali aċċess ikunx fl-interess tal-minuri li jibda jiġi eżerċitat.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut, b'dan li l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.